MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 258/2003/1

**Mario Mizzi**

**v.**

**Maris Mizzi**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta’ Jannar 2005 li permezz taghha cahdet it-talba ta’ l-attur sabiex iz-zwieg

tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Ic-citazzjoni kienet tghid testwalment hekk:

“Peress illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-27 ta’ Settembru 1981, mil-liema zwieg ghandhom zewgt itfal Mark, li ghandu tmintax-il sena, u Monique, li ghandha tnax-il sena;

“Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

“U peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

“U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-Artikolu 19 (1)(g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII ta’ l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;

“Tghid, ghalhekk, il-konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

“L-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.”

3. Kif jirrizulta car mill-imsemmija citazzjoni, il-kawzali li gew postulati huma <u>tnejn biss</u>: dik kontemplata <u>fl-ewwel parti</u> tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, cioe` n-nuqqas (ossia difett serju) ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, u dik kontemplata fil-paragrafu (f), cioe` s-simulazzjoni, totali jew parzjali, minghajr, pero`, referenza ghall-eskluzjoni pozittiva “tad-dritt ghall-att taz-zwieg”. Ghalkemm jissemma’ l-paragrafu (g), l-attur mhux qed jadduci bhala

kawzali li xi wahda mill-partijiet rabtet “il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur”.

4. Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta qalet hekk:

“1. Illi taqbel li z-zwieg tal-kontendenti huwa null izda mhux minhabba ragunijiet imputabbli lilha kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.
“2. Illi r-referenza ghall-artikolu 19(1)(g) tal-Kap. 244 [**recte:** 255] fir-raba’ paragrafu tac-citazzjoni ma taghmilx sens u ghal kull buon fini qed tigi michuda in kwantu li tista’ taddebita xi tort lill-konvenuta.
“3. Illi m’ghandhiex tbati spejjez ta’ dawn il-proceduri.
“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

5. Minkejja din l-ispeci ta’ “ammissjoni” da parti tal-konvenuta – ammissjoni li, fi kwalunkwe kaz, ma tinkwadrax f’dak li jipprovdi s-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 158 tal-Kap. 12 ghax mhix ammissjoni “ghall-kollox u bla ebda kundizzjoni” – l-ewwel Qorti, konformement mal-gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati in tema ta’ annullament taz-zwieg[1], ghaddiet biex tisma’ l-provi sabiex tara jekk dak allegat ikunx gie ippruvat sal-grad li trid il-ligi f’materja civili. F’dan il-kaz, il-provi ingabu biss mill-attur, u dana permezz ta’ l-affidavit ta’ ghaxar persuni, inkluz l-affidavit ta’ l-istess attur (ara l-lista a fol 17, u l-affidavits, flimkien ma’ diversi dokumenti, minn fol. 18 sa 104). F’ebda stadju ma xehdet – anqas in subizzjoni – il-konvenuta.

6. Kif inghad, l-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur. Fis-sentenza taghha, wara li ghaddiet in rassenja id-dottrina u l-gurisprudenza in tema

[1] Ara, fost ohrajn, ***Anna Tonna xebba Vassallo v. Alexander Tonna*** Qorti ta’ l-Appell, 6/11/1991; ***Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri*** Prim Awla, 4/11/1994; ***Carmel sive Charles Camilleri v. Teresa Camilleri*** Prim Awla 3/10/1995; ***Evelyn Agius v. John Borg*** Prim Awla 4/10/1995; ***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri*** Prim Awla 10/11/95; ***Isabelle Zarb v. Stephen Attard*** Prim Awla 21/11/1995; ***Terence Richard v. Maria Concetta Richard nee` Goodlip*** Prim Awla 22/2/1996; ***Alfred Tonna v. Maria Tonna*** Prim Awla 31/1/96; u ***Bernardette Debono xebba Gauci v. Mario Debono*** Prim Awla 16/9/1996.

ta’ nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju u ta’ simulazzjoni, l-ewwel Qorti osservat hekk:

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta’ Settembru 1981 u l-attur qed jallega li dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u wkoll ghaliex il-partijiet eskludew elementi essenzjali taz-zwieg u ghalhekk issimulaw il-kunsens taghhom.

“Illi fl-ewwel lok jinghad li ghalkemm jidher li l-partijiet qed jaqblu li hemm kaz ta’ annullament taz-zwieg, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta’ annullament taz-zwieg, u dan ghaliex hemm prezunzjoni legali wkoll favur il-validita` taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta’ ordni pubbliku.

“Illi jista’ jkun li tali dikjarazzjoni ta’ annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli, u wkoll meta parti jew ohra tkun qed tghix ma’ persuna, izda f’kazi bhal dawn il-Qorti ma tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet. Dan ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi, u f’dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak li ntqal f’dan ir-rigward fil-kawza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **“Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia”** tat-28 ta’ Gunju 1987 u fis-sentenzi ta’ din il-Qorti kif presjeduta **“Wilma Vancell vs Joseph Vancell”** (P.A. (RCP) deciza f’Novembru 2004); **“Caroline Grech vs Ian Borg”** (P.A. (RCP) deciza fit-28 ta’ Ottubru 2004); u **“Anthony Azzopardi vs Rita Azzipardi”** (P.A. (RCP) deciza fit- 30 ta’ Novembru 2004).

“Illi fil-fatt l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa li tara jekk quddiem l-inkwadru ta’ fatti esposti tikkonvincix ruhha li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-Ligi ghad-dikjarazzjoni ta’ annullament taz-zwieg rikjesta. Dan ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda a bazi tar-rekwiziti legali stabbiliti mill-ligi. F’dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **“Christine Ellul vs Brian Ellul”** (Cit. Nru. 27/1999).

“Illi wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghal annullament taz-zwieg.  Ta’ l-ewwel jirreferu ghal zwieg validu fejn ikun inghata kunsens validu ghaz-zwieg, fejn pero’ fil-kors taz-zwieg inqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni ta’ l-obbligu ta’ konvivenza bejn il-partijiet.  Min-naha l-ohra fil-kaz ta’ annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta’ kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura jrendi l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett.

“Illi mill-provi prodotti certament jidher li l-istess attur ta l-kunsens tieghu validament ghaz-zwieg – almenu bil-mod kif iddiskriva c-cirkostanzi tieghu qabel iz-zwieg, kif wkoll mill-komportament tieghu waqt iz-zwieg.  Fil-fatt dan huwa verament relevanti ghall-iskopijiet tal-kawza odjerna.

“Illi jidher li l-istess kopja kellhom ukoll zewgt itfal.  Skond l-attur il-problemi fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta kollha kemm huma sehhew wara z-zwieg, tant li jakkuza lill-konvenuta b’relazzjoni ma’ ragel iehor, kif ukoll li hija anke tkun fil-kumpanija ta’ mara ohra. Jidher li dawn ir-relazzjonijiet kienu jezistu, fis-sens li gew anke prodotti diversi xhieda mil-attur li xehdu li l-persuni ndikati kienu spiss fil-presenza ta’ l-istess konvenuta.

“Illi ma johrogx car mill-provi prodotti jekk dan il-fatt setax jinfuwixxi fuq il-kunsens tal-konvenut waqt il-mument taz-zwieg, u dan ukoll tenut kont tal-fatt li l-allegati relazzjonijiet sehhew snin wara li sar iz-zwieg bejn il-partijiet.  Fil-fatt din il-Qorti thoss li l-kontenut ta’ l-istess provi migbura jistghu jwasslu ghall-kaz ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, izda bl-ebda modd ma jwasslu sabiex jigi ddikjarat iz-zwieg null.  Dan ghaliex fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma ngabet l-ebda prova konkreta li fil-mument taz-zwieg l-istess kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bil-mod kif allegat mill-attur.  Veru li in partikolari l-attur issemmi certi fatturi dwar in-nuqqas ta’ intimita` *da parte* tal-konvenuta mieghu, pero’ l-istess partijiet kellhom zewgt itfal bejniethom u ma hemm l-ebda dubju ghalhekk li kien

hemm relazzjonijiet intimi bejniethom. Illi f'dan il-kuntest it-talba attrici qed tigi michuda."

7. L-attur appella minn din is-sentenza. Huwa jikkontendi, bazikament, li gie sodisfacentement pruvat li martu kienet bisesswali u li din il-bisesswalita` taghha u l-eskluzjoni pozittiva da parti taghha ta' whud mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kellhom iwasslu ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` a bazi tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artkolu 19 tal-Kap. 255, anke peress, dejjem, skond l-appellant, kien hemm prova li l-kunsens taghha ghaz-zwieg kien vizzjat "b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli [ghaliha] li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Huwa jikkwota estensivament minn gurisprudenza Rotali u jargumenta li dak li jghodd ghal *"homosexual tendencies which are ingrained in an anomalous personality structure"* jghodd ukoll fil-kaz ta' persuna bisesswali, fis-sens li din ikollha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

8. Il-konvenuta wkoll appellat incidentalment. Filwaqt li hija "taqbel mas-sentenza appellata in kwantu li l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet [li] l-kunsens taghha ghaz-zwieg kien validu", hija tikkontendi li "…mix-xhieda taghha, li ghalihom ma hemm ebda riferenza fis-sentenza, jirrizulta li l-attur, bil-personalita` tieghu, ma kienx kapaci jibni hajja dejjiema ta' imhabba, jew il-*consortium titius vitae* li hu wiehed mill-objettivi essensjali tal-hajja mizzewga. Dawn kienu tal-grad rikjest bil-ligi li ma kienux merament *personality traits* imma *personality disorders* li vvizjaw il-kunsens tieghu fil-mument taz-zwieg kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni". Fi kliem iehor, l-appellata qed tipprova tghid li kien il-kunsens ta' l-attur, mhux taghha, li kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u/jew li kien simulat.

9. Din il-Qorti tibda biex tosserva li ghalkemm l-attur, <u>fir-rikors ta' appell tieghu</u>, jaghmel referenza <u>ghat-tieni parti</u> tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, tali kawzali – cioe` l-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet

essenzjali taz-zwieg – qatt ma ingabet quddiem l-ewwel Qorti, bil-konsegwenza li ma tistax issa tigi kkunsidrata minn din il-Qorti ta' l-Appell. L-attur, fic-citazzjoni, invoka biss id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, cioe` l-ewwel parti tal-paragrafu (d). Terga' w tghid, il-kawzali tad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha hija inkompatibbli mal-kawzali tas-simulazzjoni – wahda proprjament teskludi l-ohra. Kif gie ripetutament affermat mill-Qrati taghna – ara, per ezempju s-sentenza fl-ismijiet ***Alex Tonna v. Anna Tonna xebba Vassallo*** Prim Awla, 10 ta' Settembru 1997 *"biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju…irid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux neccessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhewlu l-liberta` tal-ghazla) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."* [2] Is-simulazzjoni, invece, peress li tirrikjedi "eskluzjoni pozittiva" jigifieri att pozittiv tal-volonta` dirett proprju fir-rigward taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga (jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg), tippostula l-kapacita` li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, u proprju ghax ikun hemm din il-kapacita` wiehed "jeskludi pozittivament" iz-zwieg innifsu, jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghal-att taz-zwieg. Huwa veru li hafna drabi dawn iz-zewg kawzali jigu imqieghda fic-citazzjoni b'mod alternattiv – bhalma sar f'dan il-kaz – pero` dan ikun juri li l-attur (jew attrici) anqas biss ikun cert mill-kaz tieghu u jkun qed jinvoka kollox biex forsi jirnexxilu jaqbad ma' xi haga – cirkostanza, din, li fiha nnifisha ma tantx taghti kredibbilita` lit-tezi tieghu f'materja hekk importanti bhalma hija l-annullament ta' zwieg. Din il-konfuzjoni hija wkoll apparenti fil-kaz in dizamina fir-rikors ta' appell, tant li din il-Qorti, fl-udjenza ta' l-10 ta' Ottubru 2005 staqsiet sepecifikatament lill-abbili difensur tal-appellant x'kienet proprjament il-bazi ta' l-appell, u fil-verbal relattiv hemm registrat hekk: *"…Dr. Frank Cassar jissottometti li t-talba*

[2] Ara wkoll ***Samuela Lea Pavia v. John Pavia*** Prim Awla 20/5/1996.

*ta' l-attur appellant ghall-annullament taz-zwieg hija bbazata proprjament fuq il-kawzali li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha u mhux tant fuq il-kawzali li tinvoka s-simulazzjoni."*

10. Punt iehor li din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha ticcara jirrigwarda t-talba, maghmula mill-appellata fl-udjenza imsemmija, sabiex din il-Qorti tissoprasjedi pendenti l-ezitu ta' proceduri li bhalissa hemm quddiem it-Tribunal Ekklesiastiku ghall-annullament taz-zwieg kattoliku bejn il-partijiet "fuq l-istess kawzali". Din it-talba giet michuda fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2005. Iz-zwieg tal-partijiet sehh fis-27 ta' Settembru 1981, u ghalhekk <u>qabel</u> id-dhul fis-sehh ta' l-Artikolu 30 tal-Kap. 255, b'mod ghalhekk li dak l-istess artikolu ma hux applikabbli (ara wkoll l-Artikolu 4 tal-ftehim bejn is-Santa Sede u Malta tat-3 ta' Frar 1993 – u li jinsab fl-iskeda annessa mal-Kap. 255).

11. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-diversi affidavits presentati mill-attur u ma tista' ssib fihom xejn li minimament jista' jindika li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kien hemm xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif aktar 'l fuq spjegat, u dan kemm fir-rigward tal-kunsens ta' l-appellant kif ukoll fir-rigward tal-kunsens tal-konvenuta appellata. Huwa veru li hemm provi li jindikaw li wara diversi snin ta' zwieg, mart l-appellant rabbiet hbiberija l-ewwel ma' certu Lawrence Attard – li ma huwiex car x'relazzjoni kellha mieghu, jigifieri jekk kienitx relazzjoni adultera jew semplicement hbiberija zejda – u wara ma' tfajla bl-isem ta' Glorianne. Mill-affidavits ta' Mariella Silvio (fol. 98) u ta' Natasha Bonello (fol. 100) jidher li din il-hbiberija ma' din it-tfajla bdiet f'xi zmien bejn l-1988 u l-1999. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, din ir-relazzjoni li hija kellha – u li presumibbilment ghad ghandha – ma' din Glorianne hija wahda lesbika, kif jallega l-attur, dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kien hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fit-termini tal-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Anqas ma jista' serjament

jingibed xi argument f’dan ir-rigward mill-fatt li l-partijiet iddecidew li jizzewgu wara sena li kienu ilhom jafu lil xulxin peress li, skond l-attur, il-konvenuta kienet qed tghix mal-genituri taghha u ma kienitx kuntenta bl-ambjent li kienet qed tghix go fih – ara l-affidavit tal-attur, fol. 18; din hija cirkostanza li tirrikorri f’hafna zwigijiet u ma jistax ghalhekk wiehed jigbed il-konkluzjoni, fin-nuqqas ta’ xi provi konkreti ohra, li dik il-parti kienet dak iz-zmien qed issofri minn inkapacita` psikika jew kostituzzjonali li minhabba fiha ma setghetx taghraf u tirrifletti jew tiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Hu veru li l-appellant jghid, fl-affidavit tieghu, li waqt ir-relazzjonijiet intimi li kien ikollu mal-konvenuta spiss kien ikun hemm inkwiet peress li l-konvenuta “kienet hafna drabi iggib hafna skuzi biex ma jkollhiex x’taqsam mieghi” (fol. 19). Anke li kieku din il-Qorti kellha tikkunsidra l-kawzali kontenuta fit-tieni parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) imsemmi, u cioe` id-difett konsistenti “f’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg” – haga li din il-Qorti mhux ser taghmilha peress li, kif diga` spjegat, din il-kawzali ma ingabitx quddiem l-ewwel Qorti – il-provi ma jindikawx li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali il-konvenuta kienet affetta minn xi anomalija ta’ tali gravita` -- ghalhekk l-anomalija psikologika trid tkun wahda serja -- li ghamlitha impossibbli, mhux semplicement difficli, ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Infatti, mill-ftit provi prodotti jidher li sakemm ma intromettiex ruhu Lawrence Attard, il-partijiet kellhom hajja matrimonjali relattivament normali ghal dawk li huma l-“obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg”, u anke kellhom zewgt itfal.

12. Kwantu ghas-simulazzjoni, apparti dak li diga` inghad aktar ‘l fuq f’din is-sentenza, il-provi ma jindikaw assolutament ebda forma ta’ simulazzjoni.

13. L-appellata, fl-appell incidentali taghha, tilmenta li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni il-provi li ressqet hi, u li kienu jindikaw li l-attur kien ibati minn *personality disorders* li ivvizjaw il-kunsens tieghu fil-mument taz-zwieg. F’dan ir-rigward dana l-appell incidentali huwa

wiehed fieragh u vessatorju peress li f'din il-kawza il-konvenuta appellata ma ressqet ebda provi, u konsegwentement ser jigi michud bi spejjez doppji.

14. Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell principali kif ukoll dak incidentali. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu, kwantu jirrigwardaw l-appell principali mill-appellant Mario Mizzi u kwantu jirrigwardaw l-appell incidentali mill-konvenuta Maris Mizzi. U wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-Maris Mizzi thallas lil Mario Mizzi l-ispejjez (riferibbilment ghall-appell incidentali) ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------